31979L0869

29.10.1979 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 271/44

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tad-9 ta' Ottubru 1979
dwar il-metodi ta' kejl u l-frekwenzi ta' l-analiżi u tat-teħid ta' kampjuni ta' l-ilma tal-wiċċ maħsub għall-estrazzjoni ta' ilma tax-xorb fl-Istati Membri

(79/869/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 100 u 235 tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ([1]),

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi l-programm ta' azzjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-ambjent ([4]) jistipula l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni tal- metodi ta' kejl użati, sabiex ir-riżultati ta' miżuri kontra t-tniġġis fil-Komunità jkunu komparabbli;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 75/440/KEE tas-16 ta' Ġunju 1975 dwar il-kwalità ta' l-ilma tal-wiċċ meħtieġa għall-estrazzjoni ta' l-ilma tax-xorb fl-Istati Membri ([5]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tagħha, tistipula l-adozzjoni ta' politika tal-Komunità dwar il-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni u ta' l-analiżi tal-parametri, kif ukoll metodi ta' kejl;

Billi kull nuqqas ta' qbil fid-dispożizzjonijiet diġà applikabbli jew li qegħdin jiġu preparati fid-diversi Stati Membri dwar il-metodi ta' kejl u l-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni u ta' l-analiżi għal kull parametru sabiex tiġi determinata l-kwalità ta' l-ilma tal-wiċċ jista' joħloq kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni mhux ugwali u konsegwentament jaffettwa direttament it-tħaddim tas-suq komuni; billi għalhekk huwa neċessarju li l-liġijiet f'dan il-qasam jiġu approssimati, taħt l-Artikolu 100 tat-Trattat;

Billi jidher li huwa neċessarju li din l-approssimazzjoni tkun akkumpanjata minn azzjoni tal-Komunità intiża sabiex tilħaq wieħed mill-oġġettivi tal-Komunità fil-qasam tal- ħarsien ta' l-ambjent u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja permezz ta' leġiżlazzjoni aktar sħiħa; billi għaldaqstant għandu jkun hemm ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi għal dan il-għan; billi għandu jiġi invokat l-Artikolu 235 tat-Trattat, peress illi s-setgħat meħtieġa għal dan il-għan m'humiex maħsuba fit-Trattat;

Billi, għall-analiżi mwettqa fl-Istati Membri, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti metodi ta' kejl ta' referenza komuni sabiex jiddeterminaw il-valuri tal-parametri li jiddefinixxu l-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi ta' l-ilma tal-wiċċ maħsuba għall-estrazzjoni ta' l-ilma tax-xorb;

Billi, bl-iskop li tiġi mħarsa l-kwalità meħtieġa, huwa neċessarju li jittieħed numru minimu regolari ta' kampjuni ta' l-ilma tal-wiċċ sabiex il-parametri msemmija fl-Anness II tad-Direttiva 75/440/KEE jkunu jistgħu jitkejjlu;

([1]) ĠU C 208, 1.9.1978, p. 2.
([2]) ĠU C 67, 12.3.1979, p. 48.
([3]) ĠU C 128, 21.5.1979, p. 4.
([4]) ĠU C 112, 20.12.1973, p. 1.
([5]) ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 34.

Billi l-frekwenza minima tat-teħid ta' kampjuni u ta' analiżi għal kull parametru għandha tiżdied fi proporzjon mal-volum ta' ilma estratt u mal-popolazzjoni moqdija; billi l-frekwenza għandha tiżdied skond il-grad ta' riskju li jinħoloq bid-deterjorament tal-kwalitá ta' l-ilma;

Billi l-progress tekniku u xjentifiku jista' jkun jeħtieġ l-aġġustament ta' malajr ta' xi ħtiġijiet definiti fl-Anness II ta' din id-Direttiva, sabiex jieħdu in-konsiderazzjoni b'mod partikolari bidliet fil-livelli tal-parametri speċifikati fl-Anness II tad-Direttiva 75/440/KEE; billi, sabiex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri neċessarji, għandha tiġi stabbilita proċedura sabiex ikun hemm kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'Kumitat għall-Adattament għall-Progress Tekniku u Xjentifiku,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Din id-Direttiva hija dwar il-metodi ta' kejl ta' referenza u l-frekwenzi tat-teħid ta' kampjuni u ta' l-analiżi għall-parametri elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 75/440/KEE.

Artikolu 2

Għall-iskop ta' din id-Direttiva:

— "metodu ta' kejl referenza" ifisser l-għażla ta' prinċipju ta' kejl jew deskrizzjoni distinta ta' proċedura sabiex jiġu determinati l-valuri tal-parametri elenkati fl-Anness I ta' din id-Direttiva,

— "limitu ta' għarfien" ifisser il-valur minimu tal-parametru eżaminat li huwa possibbli illi jiġi rilevat,

— "preċiżjoni" tfisser il-firxa fejn ikunu jinsabu 95 % tar-riżultati tal-qisien fuq kampjun wieħed, bl-użu ta' l-istess metodu,

— "eżattezza" tfisser id-differenza bejn il-valur veru tal-parametru eżaminat u l-valur medju sperimentali miksub.

Artikolu 3

1. Analiżi ta' kampjuni ta' l-ilma meħuda għandhom ikunu jikkonċernaw dawk il-parametri msemmija fl-Anness II tad-Direttiva 75/440/KEE li għalihom ġew assenjati valuri I u/jew G.

2. L-Istati Membri għandhom kemm jista' jkun jużaw il-metodi ta' kejl ta' referenza msemmija fl-Anness I ta' din id-Direttiva.

3. Il-valuri għal-limitu ta' għarfien u għall-preċiżjoni u l-eżattezza tal-metodi ta' kejl użati sabiex jiġu spezzjonati l-parametri msemmija fl-Anness I ta' din id-Direttiva għandhom jiġu rispettati.

Artikolu 4

1. Il-frekwenzi annwali minimi tat-teħid ta' kampjuni u ta' l-analiżi għal kull parametru jinsabu fl-Anness II ta' din id-Direttiva. It-teħid ta' kampjuni għandu kemm jista' jkun ikun mifrux matul is-sena sabiex jagħti stampa rappreżentattiva tal-kwalitá ta' l-ilma.

2. Il-kampjuni ta' l-ilma tal-wiċċ għandhom ikunu jirrappreżentaw l-ilma fil-punt tal-kampjun kif definit fl-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 75/440/KEE.

Artikolu 5

Il-kontenituri użati għall-kampjuni, l-aġenti jew il-metodi użati sabiex tiġi preservata parti minn kampjun għall-analiżi ta' parametru, wieħed jew aktar, il-ġarr u l-ħażna tal-kampjuni u l-preparazzjoni tal-kampjuni għall-analiżi m'għandhiex tkun tali li tikkawża xi bidliet sinifikanti fir-riżultati ta' l-analiżi.

Artikolu 6

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu frekwenzi tat-teħid tal-kampjuni u ta' l-analiżi għal kull parametru għal kull punt tal-kampjun.

2. Il-frekwenzi tat-teħid tal-kampjuni u ta' l-analiżi m'għandhomx ikunu inqas mill-frekwenzi annwali minimi stipulati fl-Anness II ta' din id-Direttiva.

Artikolu 7

1. Fejn stħarriġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-ilma tal-wiċċ maħsub għall-estrazzjoni ta' l-ilma tax-xorb juri li l-valuri miksuba għal ċerti parametri huma superjuri b'mod konsiderevoli għal dawk stabbiliti mill-Istati Membri skond l-Anness II tad-Direttiva 75/440/KEE, l-Istat Membru ikkonċernat jista' jnaqqas il-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni u ta' l-analiżi għal dawn il-parametri.

2. Jekk ma jkun hemm l-ebda tniġġis fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u jekk ma jkun hemm l-ebda riskju li l-kwalitá ta' l-ilma tiddeterjora u jekk l-ilma in kwistjoni huwa superjuri fil-kwalitá għall-indikazzjonijiet mogħtija fil-kolonna A1 ta'

l-Anness II tad-Direttiva 75/440/KEE, l-awtoritajiet ikkonċernati jistgħu jiddeċiedu li mhux meħtieġa analiżi regolari.

Artikolu 8

1. Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni relevanti kollha, kull meta jkunu mitluba minnha jagħmlu dan, dwar:

— il-metodi ta' analiżi użati,

— il-frekwenza ta' l-analiżi.

2. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport konsolidat ibbażat fuq l-informazzjoni hekk miġbura f'intervalli regolari.

Artikolu 9

Sabiex jittieħdu in konsiderazzjoni b'mod partikolari bidliet fil-livelli tal-parametri speċifikati fl-Anness II tad-Direttiva 75/440/KEE, l-emendi meħtieġa skond il-progress tekniku dwar:

— il-metodi ta' kejl ta' referenza msemmija fl-Anness I ta' din id-Direttiva,

— il-limitu ta' għarfien, il-preċiżjoni u l-eżattezza ta' dawn il-metodi,

— il-materjali rakkommandati għall-kontenitur

għal progress tekniku, għandhom isiru skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 11 ta' din id-Direttiva.

Artikolu 10

1. Għall-iskopijiet imsemmija fl-Artikolu 9, qiegħed hawn jitwaqqaf Kumitat għall-Adattament għall-Progress Tekniku u Xjentifiku (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "Il-Kumitat"), li jikkonsisti f'rappreżentanti ta' l-Istati Membri u mmexxi minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Il-Kumitat għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

Artikolu 11

1. Fejn għandha tkun imħarsa l-proċedura imsemmija f'dan l-Artikolu, l-kwistjoni għandha titwassal lill-Kumitat mill-president tiegħu, jew fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba tar-rappreżentant ta' Stat Membru.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jiġu adottati. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz fi żmien limitat stabbilit mill-president fid-dawl ta' l-urġenza tal-kwistjoni. Dan għandu jaġixxi b'maġġoranza ta' 41 vot, bil-voti ta' l-Istati Membri jkunu meqjusa skond kif stabbilit fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat. Il-president m'għandux ikollu vot.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri maħsuba fejn dawn ikunu konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat.

(b) Fejn il-miżuri maħsuba ma jkunux konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat, jew jekk il-Kumitat ma jkun esprima l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tissottometti proposta lill-Kunsill rigward il-miżuri li għandhom jiġu adottati. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

(ċ) Jekk, fi żmien tliet xhur minn meta jiġu sottomessi l-proposti lilu, il-Kunsill ikun għadu m'għamel xejn, il-miżuri proposti għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.

Artikolu 12

1. Id-Direttiva 75/440/KEE qegħda hawnhekk tiġi emendata kif ġej:

(a) L-Artikolu 5(2) għandu jitħassar;

(b) fl-Artikolu 5(3) il-kliem "dawk imsemmija fil-paragrafu 2" għandhom jiġu mibdula bil-kliem "il-valuri parametriċi għall-kwalitá ta' l-ilma in kwistjoni".

2. Il-paragrafu 1 għandu jidħol fis-seħħ fi żmien sentejn min-notifika ta' din id-Direttiva.

Artikolu 13

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva fi żmien sentejn min-notifika tagħha. Huma għandhom minnufih jinnotifikaw b'dan lill-Kummissjoni.

Artikolu 14

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fid-9 ta' Ottubru 1979.

Għall-Kunsill

Il-President

D. O'MALLEY

ANNESS I

Metodu ta' referenza għall-kejl tal-valuri I u/jew G tal-parametri fid-Direttiva tal-Kunsill 75/440/KEE

(A)	(B)		(C)	(D)	(E)	(F)	(G)
	Parametru		Limitu ta' kxif	Preċiżjoni±	Eżattezza±	Metodu ta' kejl ta' referenza	Materjali rakkomandati għall-kontenitur
1	pH	unità pH	–	0.1	0.2	— Elettrometrija Il-kejl isir fuq il-post waqt li jittieħdu l-kampjuni mingħajr ebda trattament tal-kampjun minn qabel	
2	Kulur (wara filtrazzjoni sempliċi)	mg Pt/l	5	10 %	20 %	— Filtrazzjoni minn membran tal-fibri tal-ħġieġ Metodu fotometriku bl-użu ta' skala tal-kobalt tal-platinu	
3	Total ta' solidi sospiżi	mg/l	–	5 %	10 %	— Filtrazzjoni minn membran ta' 0.45 μm, li tinxef f'105 °C u tiżen — Ċentrifugazzjoni (għal mill-inqas 5 minuti b'aċċellerazzjoni medja ta' 2 800 sa 3 200 g) li tinxef f'105 °C u tiżen	
4	Temperatura	°C	–	0.5	1	— Termometrija Il-kejl isir fuq il-post waqt li jittieħdu l-kampjuni mingħajr ebda trattament tal-kampjun minn qabel	
5	Konduttivitá f'20 °C	us/ċm	–	5 %	10 %	— Elettrometrija	
6	Riħa	Fattur ta' taħlit ta' l-ilma (*dilutions*) f'25 °C	–	–	–	— B'taħlit suċċessiv	Ħġieġ
7	Nitrati	mg/l NO_3,	2	10 %	20 %	— Spettrofotometrija ta' assorbiment molekulari	
8	Fluworuri	mg/l F	0.05	10 %	20 %	— Spettrofotometrija ta' assorbiment molekulari wara d-distillazzjoni jekk neċessarja — Elettrodi joniċi speċifiċi	
9	Total ta' klorin organiku li jista' jiġi estratt	mg/l Cl					

(A)	(B)	(C)	(D)	(E)	(F)	(G)
10	Ħadid maħlul mg/l Fe	0.02	10 %	20 %	— Spettrofotometrija ta' assorbiment atomiku wara filtrazzjoni minn membran (0.45 μm) — Spettrofotometrija ta' assorbiment molekulari wara filtrazzjoni minn membran ta' 0.45 μm	
11	Manganeżju mg/l Mn	0.01 (1)	10 %	20 %	— Spettrofotometrija ta' assorbiment atomiku	
		0.02 (2)	10 %	20 %	— Spettrofotometrija ta' assorbiment atomiku — Spettrofotometrija ta' assorbiment molekulari	
12	Ram (5) mg/l Cu	0 005	10 %	20 %	— Spettrofotometrija ta' assorbiment atomiku — Polarografija	
		0.02 (3)	10 %	20 %	— Spettrofotometrija ta' assorbiment atomiku — Spettrofotometrija ta' assorbiment molekulari — Polarografija	
13	Żingu (5) mg/l Zn	0.01 (1)	10 %	20 %	— Spettrofotometrija ta' assorbiment atomiku	
		0.02	10 %	20 %	— Spettrofotometrija ta' assorbiment atomiku — Spettrofotometrija ta' assorbiment molekulari	
14	Boron (5) mg/l B	0.1	10 %	20 %	— Spettrofotometrija ta' assorbiment atomiku — Spettrofotometrija ta' assorbiment atomiku	Materjali li ma fihomx boron fi kwantitajiet sinifikanti
15	Berillju mg/l Be					
16	Kobalt mg/l Co					
17	Nijkil mg/l Ni					
18	Vanadju mg/lV					
19	Arseniku (5) mg/l As	0 002 (1)	20 %	20 %	— Spettrofotometrija ta' assorbiment atomiku	
		0.01 (4)			— Spettrofotometrija ta' assorbiment atomiku — Spettrofotometrija ta' assorbiment molekulari	

(1) Ghall-ilma tal-kategorija A1, valur G

(2) Ghall-ilmijiet tal-kategoriji A2 u A3.

(3) Ghall-ilmijiet tal-kategorija A3.

(4) Ghall-ilmijiet tal-kategoriji A1, A2 u A3, valur 1.

(5) Jekk il-kampjuni jkun fihom daqshekk materjal sospiż li jirrikjedi trattament preliminari speċjali, il-valuri ta' eżattezza murija fil-kolonna E f'dan l-Anness jistgħu bħala eċċezzjoni jinqabżu u jkunu meqjusa bħala mira. Dawn il-kampjuni għandhom jiġu trattati sabiex jiġi żgurat li l-analiżi tkopri l-akbar kwantità ta' sustanzi li għandhom jiġu mkejjla.

(A)	(B)	(C)	(D)	(E)	(F)	(G)
20	Kadmiju (4) mg/l cd	0.0002 0 001 (2)	30 %	30 %	— Spettrofotometrija ta' assorbiment atomiku — Polarografija	
21	Kromju totali (4) mg/l Cr	0.01	20 %	30 %	— Spettrofotometrija ta' assorbiment atomiku — Spettrofotometrija ta' assorbiment molekulari	
22	Ċomb (4) mg/l Pb	0.01	20 %	30 %	— Spettrofotometrija ta' assorbiment atomiku — Polografija	
23	Selenju (4) mg/l Se	0 005			— Spettrofotometrija ta' assorbiment atomiku	
24	Merkurju (4) mg/l Hg	0.0001 0.0002 (2)	30 %	30 %	— Spettrofotometrija ta' assorbiment atomiku mingħajr fjamma (vaporizzazzjoni kiesħa)	
25	Barju (4) mg/l Ba	0.02	15 %	30 %	— Spettrofotometrija ta' assorbiment atomiku	
26	Ċjanur mg/l CN	0.01	20 %	30 %	— Spettrofotometrija ta' assorbiment molekulari	
27	Sulfati mg/l So_4	10	10 %	10 %	— Analiżi gravimetrika — Komplessimetrija EDTA — Spettrofotometrija ta' assorbiment molekulari	
28	Kloruri mg/l Cl	10	10 %	10 %	— Titrazzjoni (il-metodu Mohr) — Spettrofotometrija ta' assorbiment molekulari	
29	Surfactants (li jagħmlu reazzjoni mal-methylene blu) mg/l (Lauryl Sulfate)	0.05	20 %		— Spettrofotometrija ta' assorbiment molekulari	
30	Fosfati mg/l P_2O_5	0.02	10 %	20 %	— Spettrofotometrija ta' assorbiment molekulari	
31	Fenoli (indiċi tal-fenol) mg/l C_6H_5OH	0.0005 0.001 (3)	0.0005 30 %	0.0005 50 %	— Spettrofotometrija ta' assorbiment molekulari metodu 4 amnijoantipirina — Metodu tal-paranitranlina	Ħġieġ
32	Idrokarbonji maħlulin jew emulsifikati mg/l	0.01 0.04 (1)	20 %	30 %	— Spettrometrija bl-infra-red wara estrazzjoni bit-tetraklorur tal-karbonju — Gravimetrija wara estrazzjoni bl-ether tal-petrolju	Ħġieġ

(1) Għall-ilmijiet tal-kategoriji A2 u A3.

(2) Għall-ilmijiet tal-kategoriji A1, A2 u A3, valur 1.

(3) Għall-ilmijiet tal-kategoriji A2, valur 1 u A3.

(4) Jekk il-kampjuni jkun fihom daqshekk materjal sospiż li jirrikjedi trattament preliminari speċjali, il-valuri ta' eżattezza murija fil-kolonna E f'dan l-Anness jistgħu bħala eċċezzjoni jinqabżu u jkunu meqjusa bħala mira. Dawn il-kampjuni għandhom jiġu trattati sabiex jiġi żgurat li l-analiżi tkopri l-akbar kwantità ta' sustanzi li għandhom jiġu mkejjla.

(A)	(B)	(C)	(D)	(E)	(F)	(G)
33	Idrokarbonji aromatiċi poliċikliċi (5) mg/l	0.00004	50 %	50 %	— Kejl ta' florexxenza fl-UV wara kromatografija fuq qoxra rqiqa Kejl komparattiv fir-rigward ta' taħlita ta' sitt sustanzi ta' kontoll bl-istess konċentrazzjoni (3)	Ħġieġ jew aluminju
34	Pestiċidi totali (parathion, hexacholoro-cyclohexane, dieldrin) (5) mg/l	0.0001	50 %	50 %	— Kromatografija f'gass jew likwidu wara estrazzjoni permezz ta' solventi adattati u purifikazzjoni Identifikazzjoni tal-kostitwenti tat-taħlita Analiżi kwantitattiva (4)	Ħġieġ
35	Domanda ta' ossiġnu kimiku (DOK) mg/l O_2	15	20 %	20 %	— Metodu tad-dikoromat tal-potassju	
36	Rata ta' saturazzjoni ta' ossiġnu maħlul %	5	10 %	10 %	— Metodu ta' Winkler	Ħġieġ
					— Metodu elettrokimiku	
37	Domanda ta' ossiġnu bijokimiku (DOB_5) f'20 oC mingħajr nitrifikazzjoni mg/l O_2	2	1.5	2	— Determinazzjoni ta' ossiġnu maħlul qabel u wara ħamest ijiem ta' inkubazzjoni f'20 °C +/- 1 °C, fi dlam ċappa Żieda ta' inibitur tan-nitrifikazzjoni	
38	Nitroġenu permezz tal-metodu Kjeldahl (barra minn f'NO_2 u NO_3) mg/l N	0.3	0.5	0.5	— Mineralizzazzjoni, distillazzjoni bil-metodu Kjeldahl u determinazzjoni ta' l-ammonju permezz ta' spettrofotometrija ta' assorbiment molekulari jew titrazzjoni	
39	Ammonju mg/l NH_4	0.01 (1) 0.1 (2)	0.03 (1) 10 % (2)	0.03 (1) 20 % (2)	— Spettrofotometrija ta' assorbiment molekulari	
40	Sustanzi li jistgħu jiġu estratti bil-kloroform mg/l	(6)	–	–	— Estrazzjoni meta l-valur tal-pH ikun newtrali permezz tal-kloroform purifikat, evaporazzjoni in vacuo f'temperatura ta' ġewwa, użin tar-residwi	
41	Karbonju organiku totali mg/l C					
42	Karbonju organiku residwu wara l-flokkulazzjoni u filtrazzjoni minn membran (5 μm) mg/l C					

(1) Ghall-ilma tal-kategorija A1, valur G

(2) Ghall-ilmijiet tal-kategoriji A2 u A3.

(3) Taħlita ta' sitt sustanzi standard kollha ta' l-istess konċentrazzjoni li għandhom jittieħdu in-konsiderazzjoni: fluoranthene: 3, 4 benzofluoranthene; 11, 12-benzofluoranthene:3, 4-benzopyrer 1, 12-benzoperylene; indano/1,2,3 - cd/pyrene.

(4) Taħlita ta' tliet sustanzi ta' l-istess konċentrazzjoni li għandhom jittieħdu in- konsiderazzjoni: parathion, hexachlorocyclohexane, dieldrin.

(5) Jekk il-kampjuni jkun fihom daqshekk materjal sospiż li jirrikjedi trattament preliminari speċjali, il-valuri ta' eżattezza murija fil-kolonna E f'dan l-Anness jistgħu bhala eċċezzjoni jinqabżu u jkunu meqjusa bhala mira. Dawn il-kampjuni għandhom jiġu trattati sabiex jiġi żgurat li l-analiżi tkopri l-akbar kwantitá ta' sustanzi li għandhom jiġu mkejjla.

(6) Billi fil-prežent dan il-metodu mhuwiex użat fl-Istati Membri, mhuwiex ċert li l-metodu ta' għarfien mehtieġ sabiex jiġu spezzjonati l-valuri fid-Direttiva 75/440/KEE jista' jintlahaq

(A)	(B)	(C)	(D)	(E)	(F)	(G)
43	Koliformi totali /100 ml	5 (1) 500 (2)			— Koltura f'37 °C fuq mezz solidu speċifiku adattat (bħal Tergitol lactose agar, Endo agar, 0.4 % Teepol broth) bil-filtrazzjoni (1) jew mingħajr filtrazzjoni (2) u l-għadd tal-kolonji. Il-kampjuni għandhom jitħalltu ma' l-ilma jew, fejn xieraq, ikkonċentrati b'tali mod li jkun fihom bejn 10 u 100 kolonja. Jekk tkun neċessarja,identifikazzjoni permezz ta' gassifikazzjoni.	Ħġieġ sterilizzat
		5 (1) 500 (2)			— Metodu ta' taħlit ma' l-ilma bil-fermentazzjoni f'substrati likwidi f'mill-anqas tliet tubi fi tliet taħlitiet. Sotto-koltura tat-tubi pożittivi fuq mezz ta' konferma. Għodd skond in-NAP (in-numru l-aktar probabbli).Temperatura ta' inkubazzjoni: 37 °C+- 1 °C.	
44	Faecal coliforms /100 ml	2 (1) 200 (2)			— Koltura f'44 °C fuq mezz solidu speċifiku adattat (bħal Tergitol lactose agar, Endo agar, 0.4 % Teepol broth) bil-filtrazzjoni (1) jew mingħajr filtrazzjoni (2) u l-għadd tal-kolonji. Il-kampjuni għandhom jitħalltu ma' l-ilma jew, fejn xieraq, ikkonċentrati b'tali mod li jkun fihom bejn 10 u 100 kolonja. Jekk tkun neċessarja, identifikazzjoni permezz ta' gassifikazzjoni.	Ħġieġ sterilizzat
		2 (1) 200 (2)			— Metodu ta' taħlit ma' l-ilma bil-fermentazzjoni f'substrati likwidi f'mill-anqas tliet tubi fi tliet taħlitiet. Sotto-koltura tat-tubi pożittivi fuq mezz ta' konferma. Għodd skond in-NAP (in-numru l-aktar probabbli). Temperatura ta' inkubazzjoni: 44 °C+- 0.5 °C.	
45	Faecal streptococci /100 ml	2 (1) 200 (2)			— Kultura f'37 °C fuq mezz solidu adattat u speċifiku (bħal sodium azide) bil-filtrazzjoni (1) jew mingħajr il-filtrazzjoni (2) u kont tal-kolonja. Il-kampjuni għandhom ikunu mħallta jew, fejn xieraq, ikkonċentrati b'tali mod illi jkun fihom bejn 10 u 100 kolonja.	Ħġieġ sterilizzat
		2 (1) 200 (2)			— Metodu ta' taħlit ma' l-ilma f'sodium azide broth f'mill-inqas tliet tubi bi tliet taħlitiet. Għodd skond in-NAP (in-numru l-aktar probabbli).	

(1) Għall-ilma tal-kategorija A1, valur G

(2) Għall-ilmijiet tal-kategoriji A2 u A3, valur G.

(A)	(B)	(C)	(D)	(E)	(F)	(G)
46	Salmonella (1)	1/5 000 ml 1/1 000 ml			— Konċentrazzjoni permezz ta' filtrazzjoni (fuq membran jew filtru xieraq). — Inokulazzjoni f'mezz ta' tisħiħ minn qabel. Tisħiħ u trasferiment f'gelese ta' iżolament - Identifikazzjoni.	Ħġieġ sterilizzat

(1) Assenza f'5 000 ml (A1, G) u assenza f'1 000 ml (A2,G)

(2) Kumping ta' l-ilma tal-wiċċ meħuda fil-punt ta' estrazzjoni jigu analizzati u mkejla wara li jkunu ġew filtrari (passatur tax xibka talwajer) sabiex jiġi mneħħi kull debris li jkun f' wiċċ l-ilma bħall-injam jew li plastik.

ANNESS II

Frekwenza annwali minima tat-teħid tal-kampjuni u ta' l-analiżi għal kull parametru fid-Direttiva 75/440/KEE.

Popolazzjoni moqdija	A1 (*)			A2 (*)			A3 (*)		
	I (**)	II (**)	III (**)	I (**)	II (**)	III (**)	I (**)	II (**)	III (**)
≤ 10 000	(***)	(***)	(***)	(***)	(***)	(***)	2	1	(***) (1)
> 10 000 sa ≤ 30 000	1	1	(***)	2	1	(***)	3	1	1
> 30 000 sa ≤ 100 000	2	1	(***)	4	2	1	6	2	1
> 100 000	3	2	(***)	8	4	1	12	4	1

(*) Kwalitá ta' ilmijiet tal-wiċċ, l-Anness II Direttiva 75/440/KEE

(**) Klassifikazzjoni tal-parametri skond il-frekwenza

(***) Frekwenza li għandha tiġi determinata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti

(1) Bis-suppożizzjoni li dan l-ilma tal-wiċċ huwa maħsub għall-estrazzjoni ta' ilma tax-xorb, l-Istati Membri huma rakkommandati li jieħdu kampjuni ta' din il-kategorija ta' ilma mill-inqas darba fis-sena (A3, III, 10 000)

KATEGORIJI

I		II		III	
Parametri		Parametri		Parametri	
1	pH	10	Ħadid maħlul	8	Fluworidi
2	Kulur	11	Manganeżju	14	Boron
3	Total ta' solidi sospiżi	12	Ram	19	Arseniku
4	Temperatura	13	Żingu	20	Kadmiju
5	Konduttivitá	27	Sulfati	21	Kromju totali
6	Riħa	29	Surfactants	22	Ċomb
7	Nitrati	31	Fenoli	23	Selenju
28	Kloruri	38	Nitroġenu bil-metodu Kjeldahl	24	Merkurju
30	Fosfati	43	Koliformi totali	25	Barju
35	Domanda ta' ossiġnu kimiku (DOK)	44	Faecal coliforms	26	Ċijanur
36	Rata ta' saturazzjoni ta' l-ossiġnu maħlul			32	Idrokarbonji maħlulin jew emulsifikati
37	Domanda ta' ossiġnu bijokimiku (DOB)			33	Idrokarbonji aromatiċi poliċikliċi
39	Ammonju			34	Pestiċidi totali
				40	Sustanzi li jistgħu jiġu estratti bil-kloroform
				45	Faecal Streptococci
				46	Salmonella